



Brussell, 5 ta' April 2019  
(OR. en, fr)

8091/19  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0293(COD)

---

CODEC 851  
CLIMA 105  
ENV 382  
TRANS 249  
MI 334

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO <sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (riformulazzjoni) <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>- Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Matul ir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 15 u meta tipproponi, jekk ikun xieraq, emenda leġislattiva għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se twettaq il-konsultazzjonijiet rilevanti skont it-Trattati. B'mod partikolari, hija se tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri f'dak il-kuntest.

Bħala parti minn dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni se tistħarreġ ukoll l-adegwatezza tal-limitu massimu ta' 5 % speċifikat fil-punt 6.3 tal-Parti A tal-Anness I fid-dawl tal-bżonn li titthaffef il-promozzjoni ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi fl-Istati Membri kkonċernati.

## **Dikjarazzjoni konġunta mil-Lussemburgu u l-Belġju**

Il-Lussemburgu u l-Belġju jilqgħu l-fatt li seta' jintlaħaq ftehim mill-koleġislaturi qabel tmiem din il-leġislatura dwar il-proposta għal regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief, biex b'hekk tkun garantita l-kontinwità tal-leġislazzjoni tal-UE għal settur li huwa sors ewlieni ta' emissjonijiet u l-kontinwità taċ-ċarezza għall-investituri, il-fabbrikanti tal-karozzi, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini.

Madankollu, jiddispjaċina li l-livell ta' ambizzjoni li ġie deċiż kien ħafna aktar baxx mil-livell meħtieġ biex l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mit-trasport bit-triq fl-UE jiġu allinjati mal-oġettivi stabbiliti bil-Ftehim ta' Pariġi jew biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilhqqu l-oġettivi nazzjonali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> stabbiliti bir-regolament hekk imsejjaħ tal-"kondiviżjoni tal-isforzi", minkejja l-fattibbiltà teknika u bosta vantaġġi li seta' joffri livell ogħla ta' ambizzjoni għall-ekonomija tal-UE, għall-politika industrijali tagħha u għall-integrità ambjentali tal-politiki tagħha.

Jiddispjaċina wkoll li ċerti dispożizzjonijiet li ġew deċiżi fil-qafas tal-mekkaniżmu li jinkoraġġixxi l-vetturi b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet (ZLEV) idgħajfu l-livell ta' tnaqqis reali tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> miksuba minn dan ir-regolament u nibżgħu li jiġu sfruttati mill-fabbrikanti b'tali mod li jista' jwassal għal distorsjonijiet tas-suq intern.

B'konsegwenza ta' dan, nitolbu lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi biex jimplementaw miżuri u strumenti Ewropej supplementari, b'mod partikolari mezzi finanzjarji, biex ikun hemm l-aktar transizzjoni rapida possibbli lejn vetturi mingħajr emissjonijiet fl-UE. Nitolbu wkoll lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib il-mod li bih il-fabbrikanti jikkonformaw mar-regolament il-ġdid u biex tiegħu miżuri f'każ ta' abbuż.